*Ejjew naghtu gieh lil Xmun Pietru,*
*Ilkoll, bl-akbar ferh, kull tifhir,*
*Kburin bil-patrun, mahbub taghna,*
*Maghdud minn kulhadd b'qaddis kbir.*

# Il-Fortifikazzjonijiet fil-Port tax-Xlokk u Birżebbuġa minn Żmien il-Bronż sa żmien l-Ingliżi

*Matthew Balzan B.A. (Gen.)*

Il-port tax-Xlokk ta' Malta kien meqjus bħala port importanti sa minn żminijiet mbiegħda. Dan jixduh id-diversi fdalijiet ta' Tempji Preistoriċi fl-inħawi fosthom f'Borġ in-Nadur u f'Tas-Silġ. Insibu li sa minn Żmien il-Bronż (2500-750 QK), in-nies li kienu joqgħodu fl-inħawi ħassew il-ħtieġa li jibdew jiffortifikaw dan il-port. Dan nistgħu narawh permezz tal-ħajt iffortifikat li nsibu f'Borġ in-Nadur, li juri karatteristika ta' dak iż-żmien, li n-nies kienu joqgħodu fuq għolja biex ikunu iktar difiżi. L-għan ta' din id-difiża seta' kien kontra popli oħrajn li setgħu jattakkaw il-gżira. Wara dan iż-żmien ma tantx nsibu referenzi għal fortifikazzjonijiet oħrajn fl-inħawi, għalkemm nafu li l-post kien abitat minn żmien ir-Rumani sa żmien il-Medjuevu, sakemm naslu għal żmien il-Kavallieri ta' San Ġwann f'Malta.


*Ħajt ta' Żmien il-Bronż*

Il-Kavallieri bdew jiffortifikaw dan il-port fis-seklu sbatax għaliex kien jintuża ħafna kull darba li jsir xi attakk fuq Malta minn forzi ta' Barberija (l-Afrika ta' Fuq) jew mill-Misilmin u Torok. L-ewwel minn dawn il-fortifikazzjonijiet insibu t-Torri ta' San Luċjan li qed jgħasses in-nofs tal-port u li ġie mibni fl-1610 u sewa s-somma ta' 11,745 skud. Dan huwa wieħed mit-torrijiet magħrufin bħala ta' Wignacourt, f'ġieħ il-Gran Mastru li bniehom. X'aktarx li dan it-torri ġie mibni fuq pjanta ta' Vittorju Cassar, it-tifel tal-famuż Ġilormu. Huwa torri kwadru mibni fuq żewġ sulari u msaħħaħ b'ħitan ħoxnin u b'erba' turretti fuq kull kantuniera tiegħu, b'parapett li jdur dawra mejt madwar il-bejt. Dan it-torri mill-ewwel wera xi jsarraf meta fl-1614 irreżista attakk ta' 60 bastiment Tork fil-port. Bejn l-1715 u l-1716, fit-Torri San Luċjan ġiet miżjuda batterija ta' kanuni tħares fuq il-baħar, għas-somma ta' 9,948 skud, filwaqt li fl-1763, l-art ta' quddiem it-torri ġiet mżerżqa u mneħħija minn kull ostaklu biex timpedixxi lill-għadu li jagħmel xi attakk sorpriża fuq it-torri. Fl-1770, dan it-torri kellu armament ta' ħames kanuni ta' 10 libbri (il-piż tal-balla li jispara), żewġ kanuni ta' 6 libbri, żewġ *mortars* (speċi ta' kanuni żgħar), 28 xkubetta u 500 skartoċċ. Fi żmien il-Gran Mastru de Rohan (1775-1797) it-torri ta' San Luċjan reġa' ġie msaħħaħ permezz ta' trunċiera mad-dawra kollha tat-torri u fl-1795 ġie msemmi bħala l-Forti de Rohan, iżda dan l-isem qatt ma qabad man-nies tal-lokal. Dan it-torri reġa' ntuża fl-1798 meta kien wieħed mill-ftit postijiet ta' difiża f'Malta li offra reżistenza kontra l-invażjoni Franċiża.

. Mis-seklu sbatax ukoll nsibu żewġ torrijiet ta' l-għassa minn fost it-tlettax li ġew mibnijin mill-Gran Mastru de Redin fl-1659, u kienu jikkonsistu f'żewġt ikmamar fuq xulxin u armati b'żewġ kanuni żgħar u l-użu tagħhom kien biss illi jgħassu għal xi bastimenti tal-għadu viċin il-kosta. Dawn kienu jinsabu wieħed fuq in-naħa ta' Delimara u l-ieħor in-naħa ta' Benghisa. Dak ta' Benghisa sewa s-somma ta' 431 skud u kien is-seba' torri mibni. Lejn l-aħħar tas-seklu tmintax ġiet miżjuda trunċiera bejn dan it-torri u Wied ix-Xoqqa li kienet bdiet fl-1723 iżda waqfet u tkompliet wara l-1760. Fl-1792



*Torri ta' Benghisa*



*Torri ta' Delimara*

dan it-torri kellu tliet kanuni, wieħed ta' libbra u tnejn ta' ¾ ta' libbra. Ta' Delimara sewa s-somma ta' 588 skud u kien l-għaxar torri mit-tlettax mibnija u fl-1793 ġie msaħħaħ permezz ta batterija żgħira ta' *mortars* (speċi ta' kanuni żgħar). Kif se jingħad iktar 'il quddiem, dawn it-torrijiet ġew imwaqqgħa mill-Ingliżi sabiex jinbnew fortizzi iktar qawwijin u moderni li jiddefendu l-port fis-seklu dsatax.

Fis-seklu tmintax tkompla l-bini ta' fortifikazzjonijiet biex jiddefendu aħjar dan il-port tax-Xlokk fosthom diversi batteriji f'forma ta' nofs tond u li kienu jkunu armati b'kanuni. Fl-1715, ġiet mibnija batterija viċin it-torri ta' De Redin f'Benghisa, li kienet magħrufa bħala l-batterija Balbani u li ġiet mwaqqa' fis-seklu dsatax. Din swiet 1,855 skud u fl-1785 kellha tmien kanuni ta' 8 libbri l-wieħed. Fl-1716 tlestiet il-batterija Ferretti fil-Qajjenza għas-somma ta' 917 skud u li għadha teżisti sal-lum. Ġiet msemmija f'isem il-kavallier illi rregala l-flus meħtieġa għall-bini tagħha. Din il-batterija hija mibnija f'nofs tond u għandha ukoll foss li kien jimtela bl-ilma. Fl-1770, kienet armata b'erba' kanuni ta' 6 libbri li ġew miżjuda għal sitta fl-1785. Fl-1716 ukoll, tlestew żewġ batteriji oħra f'dan il-port, waħda f'Delimara u l-oħra f'Kalafrana. Ta' Delimara kienet magħrufa bħala l-batterija ta' Wilġa u swiet is-somma ta' 1,117 skud. Fl-1770 kellha ħames kanuni ta' 6 libbri, iżda llum din il-batterija m'għadiex teżisti. Il-batterija ta' Kalafrana li ukoll m'għadiex teżisti kienet magħrufa bħala l-batterija ta' Mniech u swiet 1,451 skud u fl-1770 kellha tmien kanuni ta' 6 libbri. L-aħħar batterija mibnija



*Batterija Pinto*



*Batterija Ferretti*

102



*Ridott ta' San Ġorġ*



*Ridott ta' Kalfrana*

sa l-1716 f'dan il-port u li għadha teżisti kienet il-batterija ta' Ghzira u swiet 1,109 skud. Hija magħrufa ukoll bħala l-Batterija Pinto b'riżq il-Balliju Pinto li rregala 1,000 skud għall-bini tagħha. Din ukoll hija batterija nofs tond kif ukoll għandha foss u parapett. Fl-1770, kienet armata b'sitt kanuni ta' 6 libbri. Fl-ebda minn dawn il-batteriji ma kien jinżamm porvli peress li ma kinux ikunu dejjem mgħassa mis-suldati. Għalhekk, il-porvli ta' dawn il-batteriji kien jinżamm fit-Torri San Luċjan.

Flimkien ma' dawn il-batteriji kien hemm ukoll il-bini ta' batterija quddiem il-Kappella ta' San Ġorġ fil-bajja ta' San Ġorġ f'Birżebbuġa li tlestiet ukoll fl-1716 u swiet 354 skud. Iżda din il-batterija qatt ma ġiet armata b'kanuni u kienet biss maħsuba biex tintuża għal sparar ta' xkubetti minn toqob apposta u allura ġiet użata bħala ridott. Fl-1716 kien inbena ridott ieħor f'Kalafrana li kien magħruf bħala ta' Fresnoy, il-kavallier li rregala 1,000 skud għall-bini tiegħu. Ir-ridott kien fortifikazzjoni li kien ukoll użat biss għal sparar ta' xkubetti u ma kienx ikun armat b'kanuni bħall-batteriji, iżda huwa wkoll mibni nofs tond u ġieli b'foss madwaru. Sfortunatament, dan ir-ridott ukoll m'għadux jeżisti.

Barra minn hekk, fuq in-naħa tal-Port Ħieles nistgħu naraw il-bini tat-trunċiera ta' Birżebbuġa li nbniet fl-1760 taħt il-Balliju de Tigne b'wisa' ta' 9 piedi u għoli ta' 20 pied. It-Trunċiera kienet ħajt baxx maħsub biex jimpedixxi lill-għadu milli jkompli javvanza filwaqt li jintuża mid-difiża biex jisparaw fuq l-istess għadu permezz ta' kanuni. Oriġinarjament, din it-trunċiera kienet twassal sal-batterija Ferretti fil-Qajjenza, filwaqt li kien hemm trunċiera oħra minn wara l-batterija Ferretti sa Marsaxlokk.

Iżda, kien fi żmien l-Ingliżi li l-port reġa' ġie msaħħaħ drastikament. Kien fi żmien ir-Reġina Vittorja (1837-1901) li l-Imperu Ngliż beda jikber u jespandi. Iżda, fl-istess żmien kien hemm forzi oħrajn bħal Franza u r-Russja li kienu qegħdin jheddu d-dominanza ta' l-Ingliżi fil-Mediterran. Barra minn hekk, it-twaqqif ta' żewġ nazzjonijiet ġodda bejn l-1860 u l-1871 (l-Italja u l-Ġermanja) fisser kompetizzjoni ġdida għall-Inglizi fil-baħar Mediterran, speċjalment wara l-ftuħ tal-Kanal ta' Swejz fl-1869 li għamel il-baħar Mediterran l-iktar rotta importanti għall-Ingliżi, biex jaslu sal-Indja. Dan kien ifisser li l-Flotta Ngliża u l-kolonji Ngliżi fil-Mediterran saru iktar suġġestibbli għal xi attakk minn kompetituri tal-Gran Brittanja kemm militarment u anke kummerċjalment.



*Trunċiera ta' Birżebbuġa*



Forti San Lučjan

Għalhekk, biex f'każ ta' gwerra ma xi wieħed minn dawn il-pajjiżi msemmija hawn fuq, liema riskju kien kbir matul it-tieni nofs tas-seklu dsatax, il-port tax-Xlokk ikun lest jilqa' għal kull attakk tal-għadu, l-Ingliżi ħasbu li jsaħħu d-difiża ta' dan il-port permezz ta' fortifikazzjonijiet ġodda. Bejn l-1874 u l-1878, l-Ingliżi saħħew it-torri San Lučjan biex isir iktar modern. Dan it-torri kien diġa ġie użat mill-Ingliżi fi żmien l-imblokk tal-Franċiżi (1799-1800) u kien imsaħħaħ bi trunċiera. Kien ukoll wieħed mill-ftit torrijiet tal-Kavallieri li baqa' jintuża fi żmien l-Ingliżi u fl-1860 kellu ħames kanuni ta' 18-il libbra fuq il-bejt u erba' kanuni ta' 32 libbra fil-batterija ta' quddiemu. Kien fl-1866 li ġie deċiż li dan it-torri jiġi msaħħaħ u fl-1868, is-somma ta' 50,000 lira sterlina ġiet allokata għad-difiża tal-port tax-Xlokk li kellhom jintefqu fuq diversi fortifikazzjonijiet. Il-batterija ġdida ta' dan it-torri kellha tliet kanuni *Rifled Muzzle Loaders* ta' 18 –il tunellata (piż tal-kanun) u 10 pulzieri (id-dijametru tal-kanna) protetti minn kamra u pjanċa tal-metall (*casemate*). *Rifled Muzzle Loaders* jiġifieri kanuni ikkargati minn quddiem imma li jisparaw balla għall-ponta u li tiġi sparata tispinja (rifling). Fuq kull tarf ta' din il-batterija ġdida kien hemm ukoll post għal kanun ta' 64 libbra, ukoll *Rifled Muzzle Loaders*. Il-kanuni kollha kienu mpoġġija sa' l-1878. Iżda fl-1885 kien propost li t-torri l-antik jitwaqqa' peress li kien jagħti fil-għajn wisq. Iżda dan ma seħħx minħabba l-valur storiku tat-torri u ftit wara l-armamenti ta' dan it-torri ma baqgħux tajbin għall-gwerra moderna u għalhekk ukoll ma nħassx il-bżonn li jitwaqqa'.

Barra minn hekk, l-Ingliżi ddeċidew li jibnu fortizzi ġodda f'partijiet oħra ta' dan il-port fuq stil Vittorjan (pentagonali). L-ewwel forti mibnija mill-Ingliżi speċifikament biex tiddefendi dan il-port kienet il-Fortizza ta' Delimara li ġiet mibnija bejn Jannar ta' l-1876 u l-1878, għalkemm id-data ta' fuq il-bieb hija 1881, meta tlesta l-istess bieb. Din il-fortizza ġiet mibnija wara li twaqqa' t-torri ta' De Redin li kien hemm fil-post, u fuq rakkomondazzjoni tal-Kumitat tad-Difiża fl-1873. Il-prezz biex tinbena din il-fortizza kien ta' £22,353, somma konsiderevoli għal dak iż-żmien. Il-forma ta' din il-fortizza hija ta' *hexagon* irregolari u filwaqt li naħa waħda tal-fortizza tagħti direttament għal fuq il-baħar u tinsab f'xifer l-irdum, u li fiha hemm il-kmamar għal sitt kanuni, in-naħat l-oħra jagħtu għal fuq l-art u huma difiżi permezz ta' foss imqatta' fil-blat u ringiela ta toqob fuq is-saqaf (*loopholes*) li jintużaw biex jiġu sparati l-azzarini minn ġo fihom. Fil-foss hemm ukoll tliet ikmamar (*counter scarp galleries*) li kienu armati bi 8 kanuni ta 32 libbra *Breech Loaders*, jiġifieri kkargati minn wara, iżda li jisparaw balal tondi. Dawn kienu jintużaw biex f'każ li l-għadu jinżel fil-foss jisparaw fuqu biex ma jħalluhx jidħol fil-fortizza.

Oriġinarjament, din il-fortizza kellha tkun armata b'ħames kanuni ta' 64 libbra l-wieħed li jiddefendu n-naħa ta' l-art u ħames kanuni oħra li jiddefendu n-naħa tal-baħar u li kienu protetti minn ħajt taż-żonqor. Fl-1875, il-Kumitat tad-Difiża ppropona illi l-kanuni li jħarsu fuq il-baħar ikollhom angolu ta' tidwir kbir, biex ikunu jistgħu jikkontrollaw kull parti tad-daħla tal-port. Pero`, fl-1878, kważi meta l-Fortizza kienet lesta, ġie propost illi l-armamenti jinbidlu għal sitt kanuni ta' 38 tunellata u li jkunu moħbijin fil-blat li minnu kienet se titqatta' l-Fortizza. Dawn il-kanuni kellhom dijametru tal-kanna ta' 12-il pulzier u nofs u kienu wkoll *Rifled Muzzle Loaders*. Il-balla li dawn il-kanuni kienu jisparaw kienet tiżen 810 libbri, permezz ta' 130 libbra ta' porvli u kienet twassal sa distanza massima ta' 3 mili. Il-kanuni kienu poġġuti fuq karru ta' sitt piedi li kellu sistema li trażżan r-recoil tal-kanun (meta jispara kanun, dan jimxi lura b'veloċita qawwija). Barra minn hekk, il-fetħa li tagħti għal fuq il-baħar mill-kamra fejn kien hemm kull kanun, kienet protetta minn pjanċa tal-ħadid biex tilqa' għal sparar mill-għadu (*casemate*). Pero`, tant kienu tqal dawn il-kanuni li sa l-1888, kienu żviluppaw qsim fil-blat taħt xi kanuni, t-tielet u r-raba' wieħed.



Fortizza ta' Delimara

In-numru ta' suldati li kienet takkomoda din il-fortizza kien ta 36. Il-fortizza kellha wkoll imħażen għal 400 balla u 1,510 bettija ta' porvli. F'Diċembru tal-1888, ġew installati kanuni howitzers (li jisparaw balla f'angolu kbir vertikali) li kienu jisparaw balla b'dijametru ta' 9 pulzieri. F' Settembru tal-1892, tlestew postijiet għal kanuni ġodda fil-fortizza. Dawn kienu kanun ta' 9.2 pulzieri u li kien installat fuq karru b'sistema mekkanika li kienet itella' u tniżżel il-kanun minn taħt l-art u żewġ kanuni oħra iżgħar Breech Loaders b'dijametru ta' 6 pulzieri. Aktar tard ġew miżjuda żewġ kanuni oħra ta' 5 pulzieri.L-ispiża ta' dawn il-kanuni ġodda kienet ta' £7,952. Iżda, wara li mal-aħħar tas-seklu dsatax it-theddida ta' gwerra kienet naqset, il-fortizza bdiet titlef mill-importanza tagħha. F'Lulju tal-1906 kien ġie propost li l-kanuni kollha ħlief il-wieħed ta' 9.2 pulzieri, jitneħħew. Fl-istess sena ukoll, tnejn mit-tlett sistema ta' dwal elettriċi li kienu jintużaw fid-difiża tal-fortizza ġew mneħħijin. Iżda, mal-1910, bit-theddida ta' gwerra dinjija li kellah tfaqqa' erba' snin wara, fil-fortizza nħass il-bżonn li jiġu miżjuda l-kanuni u sal-1913, il-fortizza kellha żewġ kanuni oħra Breech Loaders ta' 9.2 pulzieri (Mark X) li kienu jisparaw f'angolu orizzontali ta' 15-il grad.

Wara dawn ix-xogħlijiet, kien fi żmien meta bdiet tinħass gwerra oħra riesqa (t-Tieni Gwerra Dinjija) li l-fortizza reġgħet ġiet msaħħa. Fl-1938, is-suldati tar-Royal Malta Artillery li kienu stazzjonati fil-fortizza, neħħew iż-żewg kanuni ta' 9.2 pulzieri li kellha l-fortizza u sa April tal-1939, dawn ġew mibdula ma' żewġ kanuni Breech Loaders (Mark VII) ta' 6 pulzieri u li ġew miġjuba mill-fortizza ta' Benghisa. Fi żmien it-Tieni Gwerra Dinjija ukoll, fil-fortizza żdiedu numru ta' Barracks biex jakkomodaw iżjed suldati fil-fortizza, kif ukoll *Pillbox* armata b'*machine gun*. Sfortunatament, wara li l-forzi Ingliżi telqu minn Malta fl-1979, din il-fortizza waqgħet fi stat ħażin ħafna u għal numru ta' snin intużat bħala razzett tal-majjali. Iżda mill-2005, din il-fortizza għaddiet f'idejn Heritage Malta li qed tlesti rapporti u studji ta' kif din il-fortizza tista' tissewwa u tibda titgawda minn kullħadd bħala waħda mill-isbaħ fortizzi ta' żmien Vittorjan f'Malta. Fl-istess inħawi ta' din il-fortizza nsibu Fortizza oħra, l-Forti tas-Silġ, li kienet mibnija fl-istess żminijiet, li iżda ma tagħtix direttament għal fuq il-baħar.

Fortizza oħra mibnija mill-Ingliżi biex tiddefendi l-Port tax-Xlokk hija l-Fortizza ta' Benghisa mibnija bejn l-1910 u l-1912. Din kienet l-aħħar fortizza f'Malta li ġiet mibnija fuq stil Vittorjan pentagonali, b'foss, parapet u counterscarp galleries kif ukoll bħala difiża għall-kosta. Pero` din il-fortizza ġiet mibnija b'metodi ġodda għal kontra l-isparar veloċi tal-machine guns li f'dak iż-żmien kienu bdew jibdlu t-tattiċi tal-gwerra u tal-bini ta' fortizzi. Bħal fil-każ tal-



Fortizza ta' Benghisa



*Pillbox f'Benghisa*



*Pillbox f'Birżebbuġa*

Fortizza ta' Delimara, kellu jitwaqqa' torri ieħor tal-Gran Mastru de Redin biex setgħet tinbena din il-fortizza. L-ewwel pjani għal tip ta' difiża fl-inħawi kienu fl-1909 meta ġiet proposta li tinbena l-Batterija ta' Ħasan, b'żewġ kanuni ta' 9.2 pulzieri. Iżda, din il-batterija ġiet proposta li titkabbar, u b'hekk inbniet il-Fortizza ta' Benghisa. Maż-żewġ kanuni ta' 9.2 pulzieri (Mark X) ġew miżjuda tnejn oħra ta' 6 pulzieri (Mark VII) t-tnejn tat-tip *Breech Loaders*. Bħall-fortizza ta' Delimara, naħa mill-fortizza kienet tagħti għal fuq il-baħar u n-naħat l-oħra protetti minn foss. Pero`, din il-fortizza kellha inqas difiża fil-foss għax kellha biss żewġ counterscarp galleries u post għal machine gun fin-nofs, filwaqt li kien hemm l-barbed wire jagħlaq il-foss min-naħa ta' barra.

Kif ġie spjegat qabel, iż-żewġ kanuni ta' 6 pulzieri ġew meħuda għall-fortizza ta' Delimara fl-1938 u wara t-Tieni Gwerra Dinjija, l-armamenti tal-fortizza komplew jonqsu hekk kif tneħħew il-kanuni ta' 9.2 pulzieri fil-ħamsinijiet. Għalkemm ftit taż-żmien wara, l-fortizza ġiet armata bi tlett kanuni moderni, 5.25 HA/LA, fis-sittinijiet il-fortizzi tal-kosta ġew abbandunati mill-militar u b'hekk din il-fortizza spiċċat abbandunata kif għadha sal-lum.

L-aħħar sistemi ta' difiża li ġew mibnija fil-Port tax-Xlokk kienu dawk ta' waqt it-Tieni Gwerra Dinjija. Insibu numru ta' *Pillboxes* f'Birżebbuġa, il-BZ.1, BZ.4 u s-CI li ġew mibnija fl-1938 u li kienu jkunu armati b'*machine gun*. Dawn kienu maħsuba li jintużaw kontra l-għadu f'każ ta' xi nvażjoni. Fl-1939, ġew mibnija iżjed *Pillboxes* f'Birżebbuġa u l-madwar li jinkludu tnejn f' Wied Dalam, waħda f'Benghisa, u tnejn oħra f'Wied il-Qoton kif ukoll oħrajn imxerrdin f'Birżebbuġa stess. Simili għall-*Pillboxes* kien hawn ukoll il-*Beach Posts*, fosthom waħda f'Marsaxlokk. Barra minn hekk, l-Ingliżi bnew ukoll diversi batteriji maħsuba biex jattakkaw l-ajruplani tal-għadu permezz ta' kanuni Bofors 40mm, u oħrajn ikbar ta' 3, 3.7 u 4.5 pulzieri. Eżempju ta' dawn kien hemm batterija f'Delimara armata b'kanuni ta' 3 pulzieri u oħra f'Wied il-Mixta bejn Benghisa u Ħal-Far.

Hija ħasra li llum il-ġurnata l-maġġoranza ta' dawn il-fortifikazzjonijiet fil-port tax-Xlokk huma abbandunati u mitluqin, minkejja li huma xhieda tal-importanza tal-Port tax-Xlokk u Birżebbuġa fid-difiża ta' Malta. Huwa dmir tagħna bħala post rikk fl-istorja militari illi nieħdu ħsiebhom kemm biex jitgawdew minnha stess kif ukoll biex b'responsabbilta` nkunu nistgħu ngħadduhom lil dawk li għad jiġu warajna.

***Sorsi kkonsultati:***


- Grima Joseph F., *Żmien il-Kavallieri f'Malta,* PIN, 2001.
- Spiteri Stephen C., *Fortresses of the Cross, Hospitaller Military Architecture (1136-1798),* Heritage Interpretation Services, 1994, Malta.
- Spiteri Stephen C., *British Military Architecture in Malta,* 1996, Malta.
- Spiteri Stephen C., *Fortresses of the Knights,* Book Distributors Ltd. Malta, 2001.
- Trump David, *Malta Prehistory and Temples,* Midsea Books, 2002.